C/2024/3936

28.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-24 ta' Ġunju 2024

dwar il-kompatibbiltà mal-liġi tal-Unjoni tal-miżuri li se jittieħdu minn Franza skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(C/2024/3936)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra tal-25 ta' Marzu 2024, Franza nnotifikat lill-Kummissjoni b'ċerti miżuri li se jittieħdu skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE u li l-għan tagħhom huwa li tiġi aġġornata l-lista ta' miżuri attwalment fis-seħħ f'dak l-Istat Membru, li ġew approvati mill-Kummissjoni bid-Deċiżjoni 2007/480/KE tagħha ([2]). Il-miżuri li se jittieħdu jikkonsistu f'lista ta' avvenimenti magħżula ta' importanza kbira għas-soċjetà u huma addizzjonali għall-miżuri attwalment fis-seħħ.

(2) Il-Kummissjoni vverifikat li dawn il-miżuri huma kumpatibbli mal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikulari fir-rigward tal-proporzjonalità tal-miżuri u t-trasparenza tal-proċedura ta' konsultazzjoni nazzjonali.

(3) Fl-istħarriġ tal-miżuri, il-Kummissjoni qieset id-data disponibbli dwar is-suq awdjoviżiv Franċiż, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt fuq is-suq televiżiv.

(4) Il-lista tal-avvenimenti addizzjonali ta' importanza maġġuri għas-soċjetà ("il-lista") ġiet elenkata minn Franza b'mod ċar u trasparenti, wara konsultazzjoni estensiva.

(5) Abbażi ta' evidenza dettaljata u ta' ċifri dwar l-għadd ta' telespettaturi mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi, il-Kummissjoni vverifikat li kull avveniment addizzjonali fil-lista jissodisfa tal-anqas tnejn mill-kriterji li ġejjin, li jitqiesu bħala indikaturi affidabbli tal-importanza tat-tali avvenimenti fis-soċjetà: (i) għandu reżonanza ġenerali u speċjali fi ħdan l-Istat Membru, u mhux sinifikanti biss għal dawk li normalment isegwu l-avveniment konċernat; (ii) huwa ta' importanza kulturali distinta u ġeneralment rikonoxxuta għall-popolazzjoni tal-Istat Membru, b'mod partikulari bħala katalista għall-identità kulturali; (iii) jinvolvi t-tim nazzjonali fl-avveniment ikkonċernat fil-kuntest ta' kompetizzjoni jew turnew ta' importanza internazzjonali; u (iv) ikun minn dejjem ixxandar fuq stazzjonijiet tat-televiżjoni bla ħlas u huwa segwit minn udjenza televiżiva kbira.

(6) Kif urew l-awtoritajiet Franċiżi, il-Logħob Paraolimpiku tas-Sajf u tax-Xitwa għandhom reżonanza ġenerali speċjali fi Franza u mhumiex biss importanti għal dawk li s-soltu jsegwuhom. Barra minn hekk, dan l-avveniment jinvolvi l-parteċipazzjoni tat-tim nazzjonali, tradizzjonalment jixxandar fuq it-televiżjoni bla ħlas u jinvolvi udjenza kbira.

([1]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/13/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/480/KE tal-25 ta' Ġunju 2007 dwar il-kompatibbiltà mal-liġi tal-Komunità, tal-miżuri meħuda minn Franza skont l-Artikolu 3a(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU L 180, 10/07/2007, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/480/oj).

(7) Il-logħob tat-tim nazzjonali tal-futbol tan-nisa fil-kalendarju tal-FIFA, is-semifinali u l-finali tat-Tazza tad-Dinja tal-Futbol tan-Nisa, is-semifinali u l-finali tal-Kampjonat Ewropew tal-Futbol tan-Nisa, il-finali taċ-Champions League tal-UEFA u l-finali tat-Tazza Franċiża tal-Futbol tan-Nisa huma kkunsidrati wkoll bħala avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà. Kif urew l-awtoritajiet Franċiżi, dawk l-avvenimenti għandhom reżonanza ġenerali u speċjali fi Franza, u mhumiex biss importanti għal dawk li s-soltu jsegwuhom. Jinvolvu l-parteċipazzjoni tat-tim nazzjonali u tradizzjonalment fi Franza jixxandru fuq stazzjonijiet tat-televiżjoni bla ħlas filwaqt li jsegwuhom udjenzi televiżivi kbar.

(8) Il-lista tinkludi l-finali tal-Lega tal-Konferenza Europa tal-UEFA, fejn ikun qed jilgħab klabb involut f'wieħed mill-kampjonati Franċiżi. Dan huwa meqjus bħala avveniment ta' importanza kbira għas-soċjetà peress li huwa partikolarment popolari mal-pubbliku ġenerali u mhux biss ma' dawk li normalment isegwu dak l-isport, ġie mxandar fuq it-televiżjoni bla ħlas mill-bidu u involva udjenza kbira.

(9) Kif urew l-awtoritajiet Franċiżi, il-logħob tat-tim nazzjonali Franċiż fit-turnew tar-rugby tas-Sitt Nazzjonijiet tan-Nisa, is-semifinali u l-finali tat-Tazza tad-Dinja tar-Rugby tan-Nisa u l-finali tal-Kampjonat Franċiż tar-Rugby tan-Nisa għandhom reżonanza ġenerali speċjali fi Franza, jinvolvu l-parteċipazzjoni tat-tim nazzjonali u tradizzjonalment jixxandru fuq televiżjoni bla ħlas fi Franza u jsegwuhom udjenzi televiżivi kbar.

(10) Il-logħob tat-timijiet nazzjonali tar-rugby tal-Irġiel u tan-Nisa fil-kalendarju Dinji tar-Rugby huma meqjusa wkoll bħala avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà. L-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li dawn għandhom reżonanza ġenerali u speċjali fi Franza li tmur lil hinn minn dawk li normalment isegwu l-isport, jinvolvu l-parteċipazzjoni tat-timijiet nazzjonali Franċiżi, isegwuhom udjenzi televiżivi kbar u tradizzjonalment jixxandru fuq it-televiżjoni bla ħlas.

(11) Is-semifinali tal-irġiel u tan-nisa tal-"Internationaux de France", magħrufa wkoll bħala "Roland-Garros", fil-każ ta' parteċipazzjoni ta' plejer Franċiż wieħed jew aktar, u l-finali ta' kwalunkwe turnew tal-Gran Slam għajr Roland-Garros, fil-każ ta' parteċipazzjoni ta' plejer Franċiż wieħed jew aktar, għandhom reżonanza ġenerali speċjali fi Franza u mhumiex biss importanti għal dawk li normalment isegwu l-avvenimenti. Tradizzjonalment dawn jixxandru fuq it-televiżjoni bla ħlas u jiġbdu udjenza kbira.

(12) Il-lista tinkludi l-ekwivalenti femminili tat-tiġrijiet taċ-ċikliżmu Tour de France u Paris-Roubaix bħala avvenimenti ta' importanza kbira. Dawn mhumiex biss importanti għal dawk li normalment isegwu dan l-isport u għandhom importanza kulturali distinta u rikonoxxuta b'mod ġenerali għall-popolazzjoni fi Franza bħala katalist tal-identità kulturali. Barra minn hekk, dawn l-avvenimenti jsegwuhom udjenzi televiżivi kbar u tradizzjonalment jixxandru fuq kanali televiżivi mingħajr ħlas.

(13) Kif urew l-awtoritajiet Franċiżi, is-semifinali tal-kampjonati Ewropej u dinjija tal-basketball, kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa, meta jkun involut it-tim nazzjonali Franċiż għandhom reżonanza ġenerali u speċjali fi Franza u mhumiex biss importanti għal dawk li normalment isegwu dak l-isport. Minbarra li jissodisfaw il-kriterju li tim nazzjonali jkun involut f'turnew internazzjonali ta' importanza kbira, tradizzjonalment dawn jixxandru fuq it-televiżjoni bla ħlas u jsegwuhom udjenzi televiżivi kbar.

(14) Is-semifinali tal-kampjonati Ewropej u dinjija tal-handball tal-irġiel u tan-nisa, meta jipparteċipa fihom it-tim nazzjonali Franċiż, għandhom reżonanza ġenerali speċjali u mhumiex biss importanti għal dawk li normalment isegwu dan l-isport. Dawn jinvolvu lit-tim nazzjonali rispettiv f'turnew internazzjonali ta' importanza kbira u tradizzjonalment jixxandru fuq televiżjoni bla ħlas filwaqt li jsegwuhom udjenzi kbar.

(15) Il-finali u s-semifinali tal-kampjonati Ewropej u dinjin tal-volleyball kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa, meta jkun involut it-tim nazzjonali Franċiż, huma inklużi fil-lista. Kif urew l-awtoritajiet Franċiżi, minbarra li jissodisfaw il-kriterju ta' tim nazzjonali involut f'turnew internazzjonali ta' importanza kbira, dawn mhumiex biss importanti għal dawk li normalment isegwu dan l-isport u li tradizzjonalment jixxandru fuq televiżjoni bla ħlas u ssegwihom udjenza kbira.

(16) Il-lista tinkludi l-Kampjonati Dinjija tal-Iski tal-Alpi meta l-kompetizzjoni sseħħ fi Franza. Kif urew l-awtoritajiet Franċiżi, l-avvenimenti għandhom reżonanza ġenerali u speċjali fi Franza u mhumiex biss importanti għal dawk li normalment isegwu dan l-isport, huma ta' importanza kulturali u huma ġeneralment rikonoxxuti mill-popolazzjoni ta' Franza bħala katalist għall-identità kulturali tagħha, u tradizzjonalment jixxandru fuq televiżjoni bla ħlas u jinvolvu udjenza kbira.

(17) Il-miżuri nnotifikati minn Franza ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan stabbilit, jiġifieri l-protezzjoni tad-dritt għall-informazzjoni u l-aċċess wiesa' tal-pubbliku għax-xandir televiżiv ta' avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà, filwaqt li jitqiesu l-modalitajiet li skonthom se jixxandru l-avvenimenti inkwistjoni, id-definizzjoni, fid-Digriet Nru 2004–1392 tat-22 ta' Diċembru 2004, ta' "xandar li jikkwalifika", ir-rwol ta' arbitraġġ fir-riżoluzzjoni tat-tilwim u l-fatt li d-Digriet Nru 2004–1392 tat-22 ta' Diċembru 2004 li fih il-lista ta' avvenimenti se japplika għal avvenimenti li għalihom il-kuntratti li jagħtu drittijiet esklużivi jiġu konklużi wara li d-Digriet emendat jidħol fis-seħħ. Bħala riżultat ta' dan, l-effetti tad-dritt għall-proprjetà, kif previsti fl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ma jmorrux lil hinn minn dak li hu intrinsikament marbut mal-inklużjoni tal-avveniment konċernat fil-lista msemmija fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE.

(18) Għall-istess raġunijiet, il-miżuri Franċiżi jidhru li huma proporzjonati sabiex jiġġustifikaw deroga mill-prinċipju fundamentali tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif stipulat fl-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-interess pubbliku superjuri għandu jiżgura aċċess estensiv għall-pubbliku għal xandiriet ta' avvenimenti ta' importanza ewlenija għas-soċjetà. Barra minn hekk, il-miżuri Franċiżi ma jikkostitwixxu l-ebda diskriminazzjoni jew esklużjoni mis-suq kontra xi xandara, detenturi tad-drittijiet jew operaturi ekonomiċi oħra ta' Stati Membri oħra.

(19) Il-miżuri huma kompatibbli mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Fid-Digriet Nru 2004-1392 tat-22 ta' Diċembru 2004, id-definizzjoni tax-xandar li jikkwalifika ssejset fuq kriterji oġġettivi, li jippermettu kompetizzjoni reali u potenzjali għall-akkwist tad-drittijiet biex jixxandru dawn l-avvenimenti. Barra minn hekk, l-għadd ta' avvenimenti magħżula mhuwiex tant sproporzjonat li jwassal għal tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-swieq downstream tat-televiżjoni mingħajr ħlas u tat-televiżjoni bi ħlas. Għaldaqstant l-effetti tal-libertà tal-kompetizzjoni ma jmorrux lil hinn minn dak li hu intrinsikament marbut mal-inklużjoni tal-avveniment fil-lista.

(20) Il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri l-oħra dwar il-miżuri li se jittieħdu minn Franza, u pprežentat ir-riżultati tal-verifika tagħha lill-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2010/13/UE. Il-Kumitat adotta opinjoni favorevoli,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. Il-miżuri li se jittieħdu minn Franza, skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE, u nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(2) ta' dik id-Direttiva, huma kompatibbli mal-Liġi tal-Unjoni.

2. Il-miżuri, kif mittieħda minn Franza, għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2024

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni